Ikollhom Diploma/ċertifikazzjoni professjonali għal xogħol Segretarjali;

JEW

Ikollhom żewġ (2) *'A' levels* u ħames (5) snin esperjenza segretarjali f'pożizzjoni simili.

Kandidati għandhom ukoll:

Ikunu profiċjenti fl-użu ta' *Microsoft Office packages*, u *software packages* oħra relatati ma' xogħol ta' l-uffiċċju;
Jkollhom ħiliet tajbin interpersonali u ta' komunikazzjoni;
Ikunu kapaċi jaħdmu bl-inqas superviżjoni.

B'żieda ma' dmirijiet segretarjali oħra, il-kandidat li jintgħażel ikun mistenni li:

Jikkordina laqgħat, jiġbor informazzjoni relevanti bi preparazzjoni għal laqgħat bħal dawn u jieħdu l-minuti;
Jagħmlu kitba, rapporti u preżentazzjonijiet u jagħmlu riċerka;
Joħolqu u jżommu sistemi ta' l-uffiċċju biex ilaħħqu mad-domanda tax-xogħol.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST, flimkien mal-*history sheet* ta' l-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 18 ta' Lulju, 2008, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mir-*Reception* fil Bini ta' l-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032, Tel: 2398 7100 *Fax*: 2398 7316, www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew mhux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Il-11 ta' Lulju, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Personal Assistant

(Ref. MPO/205/2005/18)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to fill the position of Personal Assistant to the Chief Administration Officer

Applicants should:

Be in possession of a Diploma/professional certification in Secretarial Duties;

OR

Be in possession of two (2) 'A' levels plus five (5) years secretarial experience in a similar position.

Candidates must also:

Be proficient in the use of Microsoft Office packages, and other related office software packages;
Possess very good interpersonal and communication skills;
Be able to work with minimal supervision.

In addition to other secretarial duties, the successful candidate will be expected to:

Co-ordinate meetings, gather the relevant information in preparation for such meetings and take minutes;
Produce brief papers, reports and presentations and carry out research;
Devise and maintain office systems to deal efficiently with paper flow.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Friday, 18th July, 2008, at noon.

Applications, which are available online and from the Reception at the MCAST Administration Building, are to be addressed to The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032, Tel: 2398 7100 *Fax*: 2398 7316, www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

11th July, 2008

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Elezzjoni għal Rappreżentanti fuq il-QAIAC

Sejħa għal Nominazzjonijiet

Clinical Chairpersons/Directors, Consultants/Principal General Practitioners, Resident Specialists/Designate Consultants/Senior General Practitioners u *General Practitioners* li qegħdin jaħdmu fi ħdan is-Servizz Pubbliku huma eliġibbli li jissottomettu n-nominazzjonijiet tagħhom għall-postijiet vakanti rispettivi.

Nominazzjonijiet jistgħu jintbagħtu bil-posta u indirizzati lill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Diviżjoni tas-Saħħa 'Palazzo Castellania', 15, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta VLT 2000 (attn: Ms Moira Azzopardi, Segretarja Eżekuttiv) sa mhux aktar tard minn 31 ta' Lulju 2008. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali (Tel. 22992415 jew 22992333) fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Moira Azzopardi
Charles Messina

Kummissjoni Elettorali
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

Il-11 ta' Lulju, 2008

HEALTH DIVISION

Election of Representatives on QAIAC

Call for Nominations

Clinical Chairpersons/Directors, Consultants/Principal General Practitioners, Resident Specialists/Designate Consultants/Senior General Practitioners and General Practitioners working within the Public Service are eligible to submit their nominations for the respective vacant posts.

Nominations may be submitted by post to the Office of the Electoral Commission, Health Division 'Palazzo Castellania', 15, Merchants Street, Valletta VLT 2000 (attn: Ms Moira Azzopardi, Executive Secretary) and should reach this Office by not later than 31st July 2008. Late submissions will not be considered.

Further details may be obtained from the Office of the Electoral Commission (Tel: 22992415 or 22992333) during office hours.

Moira Azzopardi
Charles Messina

Electoral Commission
Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee

11th July, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għad-Dħul fil-Grad ta' Uffiċjal Prinċipali fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – 2007/8

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat Għawdex matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-11 ta' Lulju, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination to the Post of Principal in the Malta Public Service – 2007/8

The Director of Examinations notifies that the final result of the above mentioned examination has been published and may be seen at the Examinations Department, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria Gozo during office hours.

11th July, 2008

DIPARTIMENT TAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPJIEGI

Tħassir ta' Reġistrazzjoni ta' *Trade Union*

Ir-Reġistratur tat-*Trade Unions* jgħarraf illi skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 55(2)(a) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452), il-Middlesea Insurance Staff Union m'għadhiex irreġistrata bħala *Trade Union*.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

Cancellation of Registration of Trade Union

The Registrar of Trade Unions notifies that in accordance with the provisions of paragraph 55(2)(a) of the Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452) the Middlesea Insurance Staff Union has ceased to be registered as a Trade Union.

11th July, 2008

KUNSILL LOKALI MARSA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kunsill Lokali Marsa jgħarraf li se ssir laqgħa annwali nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Lulju 2008 f'Pjazza G.F. Abela fis-7.30 p.m.

Ir-residenti kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali tal-Kunsill Lokali huma mħeġġa jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjonijiet.

Dawk kollha li jipparteċipaw jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

Il-11 ta' Lulju, 2008

MARSA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with provisions of Section 70 of the Local Councils' Act (Cap. 363), the Marsa Local Council will be holding its annual meeting on Wednesday, 16th July 2008 at G.F. Abela Square at 7.30 p.m.

All residents whose name appear in the last Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion.

All those participating can put forward their suggestions for the Council's consideration.

11th July, 2008

KUNSILL LOKALI QORMI

II-Kunsill Lokali Qormi jgħarraf illi minħabba xogħlijiet estensivi ta' manutenzjoni fi Pjazza San Franġisk, Ħal Qormi li se jibdew minn nhar it-Tnejn, l-14 ta' Lulju 2008 fit-8.00 a.m. sa nhar il-Ħadd, is-27 ta' Lulju 2008, parti minn Triq il-Kbira u Pjazza San Franġisk se tkun magħluqa għat-traffiku.

Il-venda tal-linja se tkun quddiem l-iskola ta' San Ġorġ fi Pjazza Federico Maempel. It-traffiku kollu li ġej minn Triq il-Kbira se jiddawwar 'il fuq għal Triq Santa Katerina, lejn Pjazza San Franġisk u 'l barra lejn Triq il-Kbira. It-traffiku li jinżel minn Triq Santa Katerina se jiddawwar lejn Pjazza San Franġisk, u 'l barra lejn Triq il-Kbira. Ebda dħul ta' vetturi mhu se jitħalla jsir minn Triq il-Mitħna lejn Pjazza San Franġisk. M'hu permess l-ebda pparkjar fi Pjazza San Franġisk matul dawn il-ġranet. Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Lulju, 2008

QORMI LOCAL COUNCIL

The Qormi Local Council notifies that due to extensive maintenance works which will commence on Monday, 14th July 2008 at 8.00 a.m. till Sunday, 27th July 2008, part of Triq il-Kbira and Pjazza San Franġisk will be closed to traffic.

The bus terminus will be transferred to Pjazza Federico Maempel opposite St George's School. All traffic coming from Triq il-Kbira will be diverted into Triq Santa Katerina, on to Pjazza San Franġisk and outwards into Triq il-Kbira. Traffic passing through Triq Santa Katerina will be diverted into Pjazza San Franġisk and outwards into Triq il-Kbira. Entry from Triq il-Mitħna into Pjazza San Franġisk is prohibited. No parking is allowed in Pjazza San Franġisk during this period. Parked cars will be towed away.

11th July, 2008

KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

Il-Kunsill Lokali Għargħur jgħarraf li Triq il-Wiesgħa, Triq il-Kbira u Triq Karmnu Zarb se jkunu magħluqa għat-traffiku kollu nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu 2008 minn nofsinhar sa nofsillejl.

Il-11 ta' Lulju, 2008

GĦARGĦUR LOCAL COUNCIL

The Għargħur Local Council notifies that Triq il-Wiesgħa, Triq il-Kbira and Triq Karmnu Zarb will be closed to all traffic on 1st August 2008 from noon to midnight.

11th July, 2008

KUNSILL LOKALI SAFI

Festa ta' San Pawl - 31 ta' Awissu 2008
Armar tal-Gabbani

Il-Kunsill Lokali Safi jgħarraf li jistgħu jingħabru applikazzjonijiet għall-armar ta' gabbani fl-okkażjoni tal-festa ta' San Pawl. L-applikazzjonijiet jistgħu jingħabru minn nhar it-Tnejn, l-14 ta' Lulju 2008 bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

L-applikazzjonijiet mimlija u bid-dokumenti annessi jibqgħu jintlaqgħu sal-Ħamis, il-31 ta' Lulju 2008 f'nofsinhar. Wara din id-data l-applikazzjonijiet addizzjonali jibqgħu jintlaqgħu sa nhar it-Tnejn, it-18 ta' Awissu f'nofsinhar fuq bażi *first-come, first-served* għall-postijiet vakanti.

Jekk xi dokument minn dawk elenkati fl-applikazzjoni ma jkunx ippreżentat, l-applikazzjoni ma tintlaqax.

Il-11 ta' Lulju, 2008

SAFI LOCAL COUNCIL

Feast of St Paul - 31st August 2008
Setting up of Kiosks

The Safi Local Council notifies that applications for the setting up of kiosks on the occasion of the feast of St Paul may be collected from the Safi Local Council as from Monday, 14th July 2008 between 8.00 a.m. and noon.

Duly completed applications including necessary documents may be submitted until noon of Thursday, 31st July 2008. After this date further applications will be accepted until noon of Monday, 18th August on a first-come, first-served basis for the remaining spaces.

If any required document is not presented, the application will not be accepted.

11th July, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Lulju, 2008, għal:

CT 129/2008. Provvista ta' *total parenteral nutrition* (TPN) għall-adulti – Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-15 ta' Mejju 2008.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Lulju, 2008, għal:

CT/A/6/2008. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni ċivili fir-Rinella *Sewage Pumping Station* tad-Drenaġġ ta' l-Irnella - Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.wsc.com.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta qed tiġi kkunsidrata sabiex tiġi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013) - Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stmat: €790,000.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Lulju, 2008, għal:

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fil-Marsa - Dipartiment tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th July, 2008, for:

CT 129/2008. Supply of total parenteral nutrition (TPN) Adult – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 15th May 2008.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th July, 2008, for:

CT/A/6/2008. Civil construction works of Rinella Sewage Pumping Station - Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is being considered for European Union part-financing under the European Regional Development Fund (2007-2013) - Investing in your future.

(Estimated Budget: €790,000.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd July, 2008, for:

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceuticals Services stores at Marsa - Department of Health.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

CT 94/2008. Provvista ta' *emollient bath additive* - Dipartiment tas-Saħħa.

CT 124/2008. Żvilupar, implimentazzjoni u *support* ta' *fully Integrated Examinations Management System and Schools-Teachers-Student System* – Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Mejju 2008.

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex ikejlu il kwantità ta glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-24 ta' Lulju, 2008, għal:

CT 138/2008. Bejgħ tale quale u tneħħija ta' vetturi mhux servibbli - Forzi Armati ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT/A/7/2008. Provvista ta' *Training Call Centre Operations* - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.mcast.edu.mt/news_tenders.asp

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea, Programm għall-Fondi Strutturali Ewropew 2004-2006.

(*Budget* stmat: €104,174.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-29 ta' Lulju, 2008, għal:

CT 150/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' uniformijiet tax-xitwa lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 151/2008. Bażi ta' ftehim ftehim għall-provvista ta' *anoraks* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Lulju, 2008, għal:

CT 143/2008. Kiri ta' *variable height beds,* aċċessorji, saqqijiet u *overbed/chair table* għal St Jeanne Antide, Sptar Monte Karmeli. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 144/2008. Disinjar, provvista u stallazzjoni ta' *data network* u infrastruttura ta' l-elettriku fl-Iskejjel Sekondarji tal-Gvern – Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

CT 94/2008. Supply of emollient bath additive - Department of Health.

CT 124/2008. Development, implementation and support of a fully Integrated Examinations Management System and Schools-Teachers-Student System – Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th May 2008.

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 24th July, 2008, for:

CT 138/2008. Sale tale quale and removal of unserviceable vehicles - Armed Forces of Malta. A fee of €10.00 will be charged for each copy of tender document.

CT/A/7/2008. Provision of training Call Centre Operations - Malta College of Arts, Science and Technology. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.mcast.edu.mt/news_tenders.asp

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is co-funded by the European Union, European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Estimated Budget: €104,174.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 29th July, 2008, for:

CT 150/2008. Framework agreement for the supply of winter uniforms to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 151/2008. Framework agreement for the supply of anoraks to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st July, 2008, for:

CT 143/2008. Rental of variable height beds, accessories, mattresses and overbed/chair table for St Jeanne Antide, Mount Carmel Hospital. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 144/2008. Design, supply and installation of data network and electrical infrastructure in Government Secondary Schools – Directorate for Quality and Standards in Education. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 133/2008. Xogħlijiet ta' tlestija fil-*backstage facilities* tat-Teatru Manoel f'81, Triq Zekka, Valletta - Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 136/2008. Restawr tas-Sur San Kristofru, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 139/2008. Provvediment ta' servizzi ta' konsulenza għall-*cost benefit analysis to assess the feasibility of the setting up* ta' sptar tar-rijabilitazzjoni komprensiv - Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta li tista' tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013,* Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €80,000.00 mingħajr V.A.T.).

CT 145/2008. Tibdil ta' *air cooled rooftop units* fis-Sala Serenità fir-Residenza San Vinċenż de Paule – Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura tal-Komunità. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 146/2008. *Upgrading* ta' saqaf fil-Garaxx tat-Testing ta' l-Emissjonijiet fil-Furjana – Direttorat dwar it-Toroq. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT148/2008. Provvista ta' servizzi ta' *housekeeping* u tindif fit-Terminal tal-Passiġġieri fl-Imġarr – Gozo Channel Company Limited. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-7 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 149/2008. Provvista ta' ċangaturi u kurduni tal-ġebla tal-qawwi u bankini għad-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 152/2008. Provvista ta' muturi - lid-Dipartiment tal-Pulizija Maltija. Irid jitħallas dritt ta' €10.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*CT 154/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *tablet diaries* 2009 lis-sezzjoni tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 133/2008. Finishing works at Manoel Theatre backstage facilities at 81, Triq Zekka, Valletta - Manoel Theatre. A fee of €230.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 136/2008. Restoration of St Christopher Bastion, Valletta - Works Division. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 5th August, 2008, for:

CT 139/2008. Procurement of consultancy services for a cost benefit analysis to assess the feasibility of the setting up of a comprehensive rehabilitation hospital - Foundation for Medical Services. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender might be part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013, European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €80,000.00 excluding V.A.T.).

CT 145/2008. Replacement of air cooled rooftop units at the Serenity Ward at St Vincent de Paule Residence – Elderly and Community Care Department. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 146/2008. Upgrading of roof at Emission Testing Garage in Floriana – Roads Directorate. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

CT148/2008. Provision of housekeeping and cleaning services at the Mġarr Passenger Terminal – Gozo Channel Company Limited. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 7th August, 2008, for:

CT 149/2008. Supply and delivery of hardstone paving slabs and kerbs for the Construction and Maintenance Department - Works Division. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 152/2008. Supply of motorcycles - Malta Police Department. A fee of €10.00 will be charged for each copy of tender document.

*CT 154/2008. Framework agreement for the supply of tablet diaries 2009 to the Procurement Section of the Contracts Department.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-12 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 141/2008. Servizzi ta' kostruzzjoni, tlestija u bini ta' binja ta' *simulator/workshop* fiċ-Ċentru tat-Taħriġ ta' l-Adulti f'Ħal Far - Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta li qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun imħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropeja, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013* - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €666,480.00 mingħajr V.A.T.).

CT 142/2008. Pubblikità ta' *Project Voice for All* - Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza. Irid jitħallas dritt ta' €70.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta li qiegħda tiġi appoġġjata mill-Programm tal-Komunità Ewropea għall-Impjiegi u Solidarjeta Soċjali.

(*Budget* stmat: €129,909.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-19 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 140/2008. Bini, tlestija u xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi fl-*ETC Skills Development Centre* - Korporazzjoni għat-Taħriġ u Impieg. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, *Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013,* Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali - Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

(*Budget* stmat: €432,322.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-26 ta' Awissu, 2008, għal:

CT 147/2008. Żvilupp u tħaddim ta' eMall – Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Ġunju 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-2 ta' Settembru, 2008, għal:

CT 153/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *zolendronic acid 4mg* - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-4 ta' Lulju 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 12th August, 2008, for:

CT 141/2008. Construction, finishes and building services of a simulator/workshop building at the Ħal Far Adult Training Centre - National Commission Persons with Disability. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is being considered for European Union part-financing, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007-2013 - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €666,480.00 excluding V.A.T.).

CT 142/2008. Publicity of the Project Voice for All - National Commission for the Promotion of Equality. A fee of €70.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is supported by the European Community Programme for Employment and Social Solidarity - Progress 2007 - 2013.

(Estimated Budget: €129,909.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 19th August, 2008, for:

CT 140/2008. Construction, finishing and mechanical, electrical works at the ETC Skills Development Centre - Employment and Training Corporation. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union, Operational Programme I - Cohesion Policy 2007 - 2013, European Regional Development Fund - Investing in Your Future.

(Estimated Budget: €432,322.00 excluding V.A.T.).

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 26th August, 2008, for:

CT 147/2008. Development and operation of an eMall – Ministry for Infrastructure, Transport and Communications. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th June 2008.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 2nd September, 2008, for:

CT 153/2008. Supply of zolendronic acid 4mg injections - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 4th July 2008.

Sal-10.00a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Settembru, 2008, għal:

*CT 155/2008. Bini ta' Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm fi Triq Notabile, Ħ'Attard, Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

Tenderers huma avżati li jżuru il-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkommandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Lulju, 2008

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-11 ta' Lulju, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 37/2008. Provvista ta' *pallet racking* u *very narrow aisle stacker* għall-imħażen il-ġodda tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern fil-Marsa - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-26 ta' Marzu 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

Up to 10.00a.m. on THURSDAY, 4th September, 2008, for:

*CT 155/2008. Construction of a Blood Transfusion Centre at Notabile Road, Attard, Department of Health. A fee of €230.00 will be charged for each copy of tender document.

*Advertisements appearing for the first time.

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th July, 2008

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

11th July, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 37/2008. Supply of pallet racking and very narrow aisle stacker for the new Government Pharmaceuticals Services stores at Marsa - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 26th March 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd July, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 94/2008. Provvista ta' *emollient bath additive* - Dipartiment tas-Saħħa.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi estiż sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 94/2008. Supply of emollient bath additive - Department of Health.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd July, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 124/2008. Żviluppar, implimentazzjoni u *support* ta' *fully Integrated Examinations Management System and Schools-Teachers-Student System* – Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fid-9 ta' Mejju 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 124/2008. Development, implementation and support of a fully Integrated Examinations Management System and Schools-Teachers-Student System – Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 9th May 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd July, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 98/2008. Provvista ta' *strips* biex ikelju il kwantità ta glukożju fid-demm - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' April 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 98/2008. Supply of strips for the determination of glucose in blood - Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd April 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd July, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 133/2008. Xogħlijiet ta' tlestija fil-*backstage facilities* tat-Teatru Manoel f'81, Triq Zekka, Valletta - Teatru Manoel. Irid jitħallas dritt ta' €230.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 133/2008. Finishing works at Manoel Theatre backstage facilities at 81, Triq Zekka, Valletta - Manoel Theatre. A fee of €230.00 will be charged for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st July, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 136/2008. Restawr tas-Sur San Kristofru, Valletta - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġa' jiġi mtawwal sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-10 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 136/2008. Restoration of St Christopher Bastion, Valletta - Works Division. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 10th July, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT131/2008. Xiri ta' *Excise Movement and Control System* u l-provvista ta' servizzi ta' għajnuna – Dipartiment tad-Dwana. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Mejju 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġu mtawla sal-10.00a.m. tat-TLIETA, il-5 ta' Awissu, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT131/2008. Procurement of an Excise Movement and Control System and the provision of support services – Customs Department. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on the 20th May 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00a.m. on TUESDAY, 5th August, 2008.

11th July, 2008

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT/A/5/2008. Servizzi ta' project management fuq xogħlijiet relatati mal-Malta South Sewage Network Projects – Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma. Kopja tad-dokument ta' l-offerta jista' jitniżżel mill-website http://www.wsc.com.mt

Dan huwa Services Notice taħt l-International Open Tender Procedure. Din l-offerta qed tigi kkunsidrata sabiex tigi parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013) – Ninvestu fil-futur tiegħek. (*Budget* Stmat: €1,035,700 mingħajr V.A.T.).

Il-Contract Notice ta' l-UE ntbagħat
fit-28 ta' Mejju 2008.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġu mtawwal
sal-10.00a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Lulju, 2008.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT/A/5/2008. Project management services on works relating to the Malta South Sewage Network Projects – Water Services Corporation. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.wsc.com.mt

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is being considered for European Union part-financing under the European Regional Development Fund (2007-2013) – Investing in your future. (Estimated Budget: €1,035,700 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on the 28th May 2008.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00a.m. on THURSDAY, 17th July, 2008.

11th July, 2008

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, is-17 ta' Lulju, 2008.

Avviż Nru. 90. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond Nri. 36/38, Triq Mario Cortis, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 5 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 91. Bejgħ ta' sit fi Triq il-Linja, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 15 fuq pjanta P.D. 2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 92. Bejgħ ta' sit f'Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru.16 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 93. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond Nru. 66, Triq il-Għenba, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 21 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 kond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 94. Bejgħ ta' sit ħdejn Blokk 5, Qasam tad-Djar Ta' Għeriexem, ir-Rabat, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2007_211. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet ta' twieqi tal-Blokk 5 adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,160 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, l-24 ta' Lulju, 2008.

Avviż Nru. 95. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond 'Il-Palma', Triq il-Linja, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 14 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 96. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-Fond 'Peprina', Nru. 80, Triq il-Għenba, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 17 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:-

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 17th July, 2008.

Advt. No. 90. Sale of a site at the back of Premises Nos. 36/38, Triq Mario Cortis, Attard, shown edged in red and marked No. 5 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 91. Sale of a site in Triq il-Linja, Attard, shown edged in red and marked No. 15 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 92. Sale of a site in Attard, shown edged in red and marked No.16 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 93. Sale of a site at the back of Premises No. 66, Triq il-Għenba, Attard, shown edged in red and marked No. 21 on plan P.D.2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 94. Sale of a site adjacent to Block 5, Għeriexem Housing Estate, Rabat, shown edged in red on plan P.D. 2007_211. This site is subject to window servitudes of the adjacent Block 5. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,160 as stipulated in the tender conditions.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 24th July, 2008.

Advt. No. 95. Sale of a site at the back of Premises 'Il-Palma', Triq il-Linja, Attard, shown edged in red and marked No. 14 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 96. Sale of a site at the back of Premises 'Peprina' No. 80, Triq il-Għenba Attard, shown edged in red and marked No. 17 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

Avviż Nru. 97. Bejgħ ta' sit ħdejn il-Fond 'Serenity' ,Triq Franġisk Coleiro, iż-Żurrieq, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.288_2004. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet eżistenti a favur tal-fond adjaċenti. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €10,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 98. Bejgħ ta' Ħanut Nru. 21, Misraħ Sant' Andrija, Ħal Luqa, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D. 102_95_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €5,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 99. Kiri tal-Ħanut vojt Nru. 47, Triq it-Teatru l-Antik b'entratura oħra minn Nru. 138A, Triq id-Dejqa, Valletta, muri bi blu ċar fuq pjanti P.D.39_2003 u P.D.39A_ 2003. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 100. Kiri ta' Garaxx Nru. 66, Triq taċ-Ċawla, ir-Rabat, Għawdex, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.203_85_9.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, il-31 ta' Lulju, 2008.

*Avviż Nru. 101. Bejgħ ta' ġnien fi Triq San Pawl, Ħ'Attard, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_36_2006. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €20,000 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

*Avviż Nru. 102. Bejgħ ta' sit fuq wara tal-fond 'Il-Qatra' Nru. 76 u l-fond 'Chanel' Nru. 78, Triq il-Għenba, Ħ'Attard, muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 18 fuq pjanta P.D.2008_93. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €400 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

*Avviż Nru. 103. Bejgħ ta':

(a) id-Dirett Dominju Temporanju u ċ-ċens relattiv ta' tnejn u sebgħin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€72.21) fis-sena, għaż-żmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-7 ta' Mejju, 2035, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Frank Portelli tal-15 ta' Mejju, 1985, u s-sussegwenti assoluta proprjetà wara li jintemm l-imsemmi ċens temporanju, tal-Garaxx Nru. 200, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, is-Siġġiewi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.159_82_17; u,

(b) l-arja ta' fuq l-istess garaxx.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €500 skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Advt. No. 97. Sale of a site adjacent to Premises 'Serenity', Triq Franġisk Coleiro, Żurrieq, shown edged in red on plan P.D.288_2004. This site is subject to existing servitudes in favour of the adjacent premises. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 98. Sale of Shop No. 21, Misraħ Sant'Andrija, Luqa, shown edged in red on plan P.D. 102_95_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €5,000 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 99. Lease of the bare Shop No. 47, Old Theatre Street with another entrance from No. 138A, Strait Street, Valletta, shown edged in light blue on plans P.D.39_2003 and P.D.39A_2003. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 100. Lease of Garage No.66 Triq taċ-Ċawla, Rabat, Gozo, shown edged in red on plan P.D.203_85_9.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 31st July, 2008.

*Advt. No. 101. Sale of a garden in Saint Paul Street, Attard, shown edged in red on plan P.D.JO_36_2006. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €20,000 as stipulated in the tender conditions.

*Advt. No. 102. Sale of a site at the back of premises 'Il-Qatra' No. 76 and premises 'Chanel' No. 78, Triq il-Għenba Attard, shown edged in red and marked No. 18 on plan P.D. 2008_93. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €400 as stipulated in the tender conditions.

*Advt. No. 103. Sale of:

(a) the Temporary Directum Dominium and relative groundrent of seventy two Euros and twenty one cents (€72.21) per annum, for the remaining period which expires on the 7th May, 2035, as per deed in the acts of Notary Frank Portelli dated 15th May, 1985, and the absolute ownership after the expiration of the said temporary emphyteusis, of Garage No. 200, Mons. Mikiel Azzopardi Street, Siġġiewi, shown edged in red on plan P.D. 159_82_17; and

(b) the airspace overlying the same garage.

Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €500 as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

*Avviż Nru. 104. Kiri tal-fond fi Sqaq Nru. 1, Triq l-Isptar, ir-Rabat, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_67_ 2007_A. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

*Avviż Nru. 105. Kiri, minn sena għal sena, ta' kamra viċin Triq il-Mediterran, Pembroke, murija bl-aħmar fuq pjanta P.D. 2008_103. Min jagħmel l-offerta jrid isemmi l-iskop tal-kirja.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' €11.65 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

Il-11 ta' Lulju, 2008

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET
U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' Lulju, 2008, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 52/08. Provvista u konsenja ta' *litter bins,* Taqsima tax-Xogħlijiet, il-Furjana.

The Director, Government Health Procurement Services, Guardamangia, notifies that:-

Sealed quotations are to be dropped in the Green Box at the reception area of the Government Pharmaceutical Services, Guardamangia, Msida, Malta, by 9.00 a.m. of Friday, 18th July, 2008, for:-

Quot. PFI No. 2954. Oxybutinin 10 mg Xl tabs.
Quot. PFI No. 2955. Methoxalen lotion.
Quot. PFI No. 2956. Prednisolone eye drops.
Quot. PFI No. 2957. Acetazolamide 500 mg inj.
Quot. PFI No. 2958. Ferric subsulphate solution.
Quot. PFI No. 2959. Lignocaine HCL 10% spray.
Quot. PFI No. 2960. Acetazolamide 250mg tabs.
Quot. PFI No. 2961. Liothyronine sodium 20mcg tablets.
Quot. PFI No. 2962. Percutaneous dilational tracheostomy introducer set.
Quot. PFI No. 2963. Chloroquine phosphate 250mg tablets.
Quot. PFI No. 2964. Hydrocortisone Foam Enema.
Quot. PFI No. 2965. Zidovudine 50mg/5ml syrup.
Quot. PFI No. 2966. Chloroquine 50mg/5ml syrup.
Quot. PFI No. 2967. Demeclocycline HCl 150mg capsules.
Quot. PFI No. 2968. Pentamidine 300mg injections.
Quot. PFI No. 2969. Phenoxymethylpenicillin 250mg tablets.
Quot. PFI No. 2970. Primaquine 7.5mg tablets.
Quot. PFI No. 2971. Rifampicin and Isoniazid tablets (150/100 mg).
Quot. PFI No. 2972. Glibenclamide 5mg tablets.
Quot. PFI No. 2973. Mesalazine 1G enema.
Quot. PFI No. 2974. Gluten free bread.
Quot. PFI No. 2975. Gloves latex small.
Quot. PFI No. 2976. Gloves latex large.
Quot. PFI No. 2977. Conjugated Ostrogens 0.625mg + Norgestrel tablets.
Quot. PFI No. 2978. Bair Hugger Blankets - Filters.

All the above PFI's can be downloaded from http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=240.

Further information may by obtained from the Government Pharmaceutical Services on any working day between 8.30 a.m. and noon.

11th July, 2008

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-25 ta' Lulju, 2008, jilqa' offerti li għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-kaxxa ta' l-offerti apposta fil-Bini Amministrattiv, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal ġdid, għal:-

Avviż. Nru. MCAST T.13/08. Tmexxija tal-MCAST Bookshop u Ċentru tar-Riżorsi, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jithallas dritt ta' €35 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kull dokument ta' l-offerta jista' jinġabar b'xejn mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal ġdid PLA 9032 Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316, *website*: www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-MCAST iżomm id-dritt li jaċċetta jew jirrifjuta parti jew l-offerta sħiħa, xi offerti jew l-offerti kollha mitfugħa.

Il-11 ta' Lulju, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tenders placed in the self-addressed envelope provided and deposited in the appropriate tender box at the Administrative Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, will be received up to 2.00 p.m. of Friday, 25th July, 2008, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T.13/08. Management of MCAST Bookshop and Resource Centre at Corradino Hill, Paola.

A fee of €35 has to be paid for every copy of tender document.

Each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032 Tel: 2398 7100, Fax: 2398 7316, website: www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

MCAST reserves the right to accept or refuse in part or in whole, any or all tenders submitted.

11th July, 2008

DIRETTORAT TAS-SERVIZZI EDUKATTIVI

Id-Direttorat tas-Servizzi Edukattivi jgħarraf illi:-

Sa l-10.30 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Awissu, 2008, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. SAD2/2008. *PA system*.

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formola preskritta li, flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi u dokumenti oħra, jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mill-*Junior Lyceum* tal-Bniet, Kulleġġ Santa Chiara, Triq Suffolk, Pembroke, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u l-11.00 a.m.

Il-kwotazzjonijiet għandhom ikunu magħluqa f'envelop indirizzat minn qabel u mitfugħa fil-Kaxxa tal-Kwotazzjonijiet Kannella, li tinsab fil-*Junior Lyceum* tal-Bniet Pembroke, Kulleġġ Santa Chiara.

Il-11 ta' Lulju, 2008

DIRECTORATE FOR EDUCATIONAL SERVICES

The Directorate for Educational Services notifies that:-

Sealed quotations will be received up to 10.30 a.m. of Friday, 1st August, 2008, for:-

Quot. No. SAD2/2008. PA system.

Quotations should be made on the prescribed form which, together with the relative conditions and other documents, are obtained on application from the Girls' Junior Lyceum, St Clare College, Triq Suffolk, Pembroke, on any working day between 8.30 a.m. and 11.00 a.m.

Quotations should be enclosed in the ready-addressed envelope and deposited in the Brown Quotation Box, located at the Girls' Junior Lyceum Pembroke, St Clare College.

11th July, 2008

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, it-28 ta' Lulju, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 60-08. Provvista, manifattura u twaħħil ta' poġġamani ta' l-azzar galvanizzat fl-Iskola Sekondarja l-ġdida tas-Subien, Bormla (Verdala).

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-29 ta' Lulju, 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 59-08. Provvista u twaħħil ta' diviżorji ta' l-aluminju f'diversi skejjel

Għandu jitħallas dritt ta' €23.00 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Wieħed jista' jara ukoll id-dokumenti ta' l-offerta fuq il-*website* tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada: www.fts.com.mt.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' Lulju, 2008

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Monday, 28th July, 2008, for:-

Advt. No. FTS 60-08. Supply, manufacturing and installation of galvanized steel railings at the new Boys' Secondary School, Cospicua (Verdala).

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 29th July, 2008, for:-

Advt. No. FTS 59-08. Supply and fixing of aluminium partitions in various schools.

A fee of €23.00 is to be effected on collection of the tender document.

Tender documents are available for review only on the Foundation for Tomorrow's Schools website: www.fts.com.mt.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

11th July, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Il-Kunsill Malti għall-Isport jgħarraf illi jilqa' kwotazzjonijiet sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Lulju, 2008, f'nofsinhar għal:-

Xogħlijiet fil-Kamra ta' l-Impjant fil-kumpless tal-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq.

Modernizzar ta' l-Istallazzjoni ta' l-elettriku fil-Kamra ta' l-Impjant - Parti A
Modernizzar ta' l-Istallazzjoni ta' l-elettriku fil-Kamra ta' l-Impjant - Parti B
Modernizzar ta' l-Istallazzjoni ta' l-elettriku fil-Kamra ta' l-Impjant - Parti Ċ

Dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Vjal Kottoner, Bormla BML 9020, bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m.

Il-11 ta' Lulju, 2008

KUNSILL LOKALI ATTARD

Il-Kunsill Lokali Attard jgħarraf illi:-

Sal-11.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Lulju 2008 jintlaqgħu offerti magħluqin għas-servizzi li ġejjin:-

Avviż Nru. ALC 01/08. Tisbiħ (arkitettura u xogħlijiet ta' tlestija) ta' Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard.

Id-dokumenti relattivi jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. fuq ħlas ta' €50.00 għal kull dokument.

L-offerti jinfetħu minnufih wara l-ħin u d-data ta' l-għeluq.

Il-11 ta' Lulju, 2008

KUNSILL LOKALI ĦAMRUN

Il-Kunsill Lokali Ħamrun jgħarraf illi:

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-18 ta' Awissu, 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, jintlaqgħu offerti magħluqin kompluti u mmarkati bin-numru ta' l-offerta għal:

Avviż Nru. KLH/TDR/03/2008. Kostruzzjoni ta' *multi storey car park* u Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill - Triq id-Duka ta' Edinburgh, il-Ħamrun.

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives quotations up to noon on Friday, 25th July, 2008, at noon for:-

Works at the Plant Room of the National Pool Complex, Tal-Qroqq:

Upgrade of Plant Room's Electrical Installation - Part A

Upgrade of Plant Room's Electrical Installation - Part B

Upgrade of Plant Room's Electrical Installation - Part C

Documents and conditions can be collected from the Finance office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottoner Avenue, Cospicua BML 9020, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m.

11th July, 2008

ATTARD LOCAL COUNCIL

The Attard Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 11.00 a.m. of Friday, 25th July 2008, for the following services:-

Advt. No. ALC 01/08. Embellishment (architecture and finishing works) of Ħal Warda Garden, Triq Ħal Warda, Attard.

The relative tender documents can be obtained from the Council's offices between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. against a payment of €50.00 each.

Tenders will be opened immediately after the closing date and time.

11th July, 2008

ĦAMRUN LOCAL COUNCIL

The Ħamrun Local Council notifies that:

Completed and sealed tenders marked with the tender number will be received in the tender box in the Council's Administrative Office up to noon of Monday, 18th August, 2008, for:

Advt. No. KLH/TDR/03/2008. Construction of multi storey car park and Council's Administrative Office - Triq id-Duka ta' Edinburgh, Ħamrun.

Kopji tad-dokumenti jistgħu jinġabru mill-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħamrun, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, il-Ħamrun, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju, fuq ħlas ta' €200.00.

L-offerti jinfetħu minnufih wara l-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrofta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-11 ta' Lulju, 2008

Copies of tender documents may be obtained from the Ħamrun Local Council's offices, 683A, Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun, during office hours, against a fee of €200.00.

Tenders will be opened immediately after closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender submitted, even the most advantegeous.

11th July, 2008

KUNSILL LOKALI MĠARR

Il-Kunsill Lokali Mġarr jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, il-5 ta' Awissu 2008, jintlaqgħu offerti magħluqin fl-Uffiċċji tal-Kunsill Lokali Mġarr għal:-

Avviż Nru. MGR 34/95. Provvista ta' konkos.

Avviż Nru. MGR 4520/03. Provvista u stallazzjoni ta' bibien u twieqi ta' l-aluminju għall-estensjoni tal-Kunsill.

Għandu jitħallas id-dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

L-offerti jinfetħu fil-pubbliku fis-6.30 p.m tal-ġurnata ta' l-għeluq.

Il-Kunsill Lokali Mġarr iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar vantaġġuża.

Il-11 ta' Lulju, 2008

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council notifies that:-

Sealed tenders are to be deposited at the Mġarr Local Council's Offices by not later than noon of Tuesday, 5th August 2008, for:-

Advt. No. MGR 34/95. Provision of concrete.

Advt. No. MGR 4520/03. Provision and installation of aluminium doors/windows for the Council extension.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of tender document.

Tenders will be opened at 6.30 p.m. of the closing date.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

11th July, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

Lista ta' persuni kkwalifikati biex joqogħdu u li għandhom iservu bħala Primi Ġurati u Ġurati Ordinarji fil-Qorti Kriminali matul ix-xahar ta'Awissu, 2008, skond l-artikolu 606 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9, Ediz. Riv.)

List of persons duly qualified and subject to serve as Foreman and Jurors in the Criminal Court during the month of August, 2008, in terms of section 606 of the Criminal Code (Cap. 9, Rev. Ed.)

PRIMI ĠURATI

Bonnici Rosario, Company Director, Naxxar
Bugeja Alexander, Purch. Officer, Marsaxlokk
Busuttil Joseph, Clerk, Senglea
Cassar Leeann, University Student, Żabbar
Dalli Oreste, Pharmacy Tech., Attard
Grixti Joseph, Nursing Officer, Qrendi
Micallef Alfred, Manager, Birgu
Musù Pierre, BA (Hons) Accounts, Fgura
Sammut Edgar, Impjegat Ċivili, Mġarr
Suda Antoine, Clerk BOV., Tarxien

ĠURATI ORDINARJI

Abela Audrey, MBA, San Ġwann
Agius Mariella, Psychologist, San Ġiljan
Amaira Joseph, Technical Officer, Paola
Anastasi Gail, B Sc (Hons), Swieqi
Azzopardi Mario, Company Director, Iklin
Azzopardi Mary, Mara tad-dar, Mqabba
Baldacchino Gordon P., B Ed (Hons), Żejtun
Balzan Christian Nicholas, Labourer, Siġġiewi
Bartolo Adrian D., Shipwright, Bormla

Bellia John, B Com, Mosta
Bonello Amalia Louisa, Tabib, Mosta
Caruana Anthony, Subject Coordinator, Birkirkara
Chase Charles V., Impjegat Ċivili, Birkirkara
Cilia Alfred, Snr. Messenger, Ħamrun
Cilia Debono Emanuel, Impjegat Ċivili, Mosta
Cilia Ernest, Negozjant, Marsaskala
Cilia John, Dockyard Employee, Birkirkara
Cilia Mario, Clerk, Birkirkara
Cilia Raymond, Impjegat Ċivili, Kalkara
Darmanin Sandra, B Psy (Hons), Attard
Degaetano Mariella, Asst. Principal Occupational Therapist, San Ġwann
Demarco Godfrey, Impjegat Ċivili, Paola
Farrugia Stephan, Technician, Siġġiewi
Gingell Frederick, IT Manager, Sliema
Grech Godfrey, Shipwright, Bormla
Mamo Joseph, Asst. Technical Officer, Żurrieq
Mercieca Ritienne, Clerk, Kalkara
Micallef Arthur, Dip. EA & M., Msida
Micallef Bartolomeo, Company Director, San Ġwann
Micallef Gordon, B Accty (Hons), San Ġiljan
Micallef Josef, Company Director, Siġġiewi
Mifsud Bonnici Simon, B Com., Swieqi
Mifsud Sharon, B Comm. (Hons), Rabat
Muscat Livia, Clerk, Birkirkara
Sammut Ivor, Warden, Valletta
Sammut John, Chief Scientific Officer, Birkirkara
Sammut Lorraine, Bank Clerk, Rabat
Vella Carmelo, Radiographer, Munxar (Għawdex)
Vella Daphne, Clerk, Mosta
Vella Denise, Nurse, Tarxien

Reġistru tal-Qrati Superjuri, Valletta, illum, l-Erbgħa, it-2 ta' Lulju, 2008.

(Ft.) CHRISTOPHER CAMILLERI
Għar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali

Registry of the Superior Courts, Valletta, today, Wednesday, 2nd day of July, 2008.

(Sgd.) CHRISTOPHER CAMILLERI
f/Registrar Courts and Criminal Tribunals

1029

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' April 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-3 ta' April 2008, fuq talba ta' Dott Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil SARL. CHAGROUNE ET MAOUCHE IMPORT-EXPORT fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 315/08RCP fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fl-1 ta' April 2008,fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' Chanel Limited kumpanija estera ta' nazzjonalità Ingliża reġistrata fir-reġistru tal-kumpanniji ta' l-Ingilterra u Wales bin-numru ta' reġistrazzjoni 203669 bl-indirizz reġistrat ta' 19/21 Old Bond Street W1 fir-Renju Unit vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil SARL CHAGROUNE ET MAOUCHE IMPORT-EXPORT, ta' El-Eulma, l-Alġerija, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-onorabbli Qorti:

It is hereby notified that by means of a decree of the 3rd April 2008, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 3rd April 2008, following a request by Dr Luigi A. Sansone noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent commercial company SARL. CHAGROUNE ET MAOUCHE IMPORT-EXPORT in the records of the Application 315/08RCP in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application filed on the 1st April 2008, in the First Hall Civil Court in the names Dr. Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of Chanel Limited a foreign company of English nationality registered in the registry of companies of England and Wales with registration number 203669 with registered address at 19/21 Old Bond Street W1 in the United Kingdom vs. Deputy Curators to represent SARL. CHAGROUNE ET MAOUCHE IMPORT-EXPORT of El-Eulma, Algeria the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'basktijiet, portmonijiet ...omissis... li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container CMAU 1015503 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa nġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attur nomine Dottor Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' Chanel Limited kumpanija estera ta' nazzjonalità Ingliża reġistrata fir-reġistru tal-kumpanniji ta' l-Ingilterra u Wales bin-numru ta' reġistrazzjoni 203669 bl-indirizz reġistrat ta' 19/21 Old Bond Street W1 fir-Renju Unit - 84 Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil S.A.R.L. CHAGROUNE ET MAOUCHE IMPORT-EXPORT, ta' El-Eulma, l-Alġerija (żewġ kopji) - Il-Qorti, Valletta (żewġ kopji).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

(1) Declare that the objects consisting in handbags, purses...omissis...which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container CMAU 1015503 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) Order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) To take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) Order the defendant to bear all the costs connected with the measures ordered ...omissis...

With costs, against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

List of witnesses

List of documents

Plaintiff nomine Dr. Luigi A. Sansone LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of Chanel Limited a foreign company of English nationality registered in the registry of companies of England and Wales with registration number 203669 with registered address at 19/21 Old Bond Street W1 in the United Kingdom - 84 Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent S.A.R.L. CHAGROUNE ET MAOUCHE IMPORT-EXPORT, of El-Eulma, Algeria, (two copies) – Courts of Justice Valletta.

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l- Onor. Imħallef Raymond C. Pace LL.D.

Illum 3 ta' April, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Lulju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Raymond C. Pace LL.D.

Today 3rd April, 2008.

Registry of the Superior Courts, today 7th July 2008.

ADV.DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1030

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ġunju 2008, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1210/08, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Alfred Mula et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Alfred Mula u George Vassallo ta' 144, St Mary, Ganu Street, Birkirkara, fil-25 ta' Marzu 2008, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' Britannia House, Old Bakery Street, Valletta filwaqt illi tagħmel riferenza għall-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru 2007 għall-ħabta tas-12.42 p.m. ġewwa Birkirkara, u illi inti George Vassallo kont involut fih bil-vetttura bin-numru ta' reġistrazzjoni CLR014, assigurata minnek Alfred Mula mas-soċjetà mittenti, u tinformakom formalment illi mill-provi kollha ċirkostanzjali f'dan il-każ, jirriżulta kjarament illi dan l-inċident seħħ unikament bħala riżultat ta' traskuraġni, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek George Vassallo.

Il-mittenti għalhekk tinterpellakom sabiex b'effett immedjat tammettu r-responsabbiltà għall-akkadut u tinformakom illi jekk intom tibqgħu tonqsu milli tagħmlu dan, bil-konsegwenza illi xi terzi jistitwixxu proċeduri fil-konfront tagħkom, allura l-mittenti qiegħda minn issa żżomm impreġudikat id-dritt tagħha, illi tipproċedi fil-konfront tagħkom għall-ħlasijiet ta' l-ammonti kollha dovuti, inkluż spejjeż u interessi legali, stanti illi intom qed tonqsu milli taderixxu ruħkom mat-termini tal-polza relattiva.

Bl-ispejjeż.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Lulju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 23rd June 2008, in the records of the judicial letter number 1210/08, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Alfred Mula et, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Alfred Mula and George Vassallo of 144, St Mary, Ganu Street, Birkirkara, on the 25th March 2008, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the accident which occured on the 18th December 2007 at about 12.45 p.m. in Birkirkara, and you George Vassallo was involved in it with vehicle registration number CLR014, insured by you Alfred Mula with the interpellant company, and formally informs you that from all the circumstances in this case, it results clearly that the accident occured as a result of your carelessness, negligence and lack of observance of the traffic regulations on your part George Vassallo.

The interpellant thus calls upon you so that with immediate effect you admit your responsabbility for the occured and informs you that if you still persist in failing to do this, with the consequence that third parties institute procedures against you, the interpellant is from now holding unprejudice its right, to proceed against you for the payment of all the amount due, including expenses and legal interest, since you are failing to abide with the terms of the relative policy.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 7th July 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1031

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' April 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1334/07, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Kevin Steer Chetham (ID 417687M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Kevin Steer Chetham (ID 417687M), fis-7 ta' Marzu 2007, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5, Palace Square, Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €2,065.99 bilanċ għad-debitu fil-Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma' l-imgħaxijiet ulterjuri mis-16 ta' Ottubru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Lulju 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 3rd April 2007, in the records of the judicial letter number 1334/07, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Kevin Steer Chetcham (ID 417687M), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Kevin Steer Chetham (ID 417687M), on the 7th March 2007, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Palace Square, Valletta, calls upon you so that within two day you pay the sum of €2,065.99 balance of debt in the Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 16th October 2006 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th July 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1032

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Diċembru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 9105/06, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Ivan Spiteri (ID 446573M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Ivan Spiteri (ID 446573M) ta' Flat 7, Triq Giovanni Bonavia, Bini tal-Gvern, Blokk C, Luqa, fit-13 ta' Novembru 2006, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5, Palace Square, Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €1,383.88 bilanċ għad-debitu fil-Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-10 ta' Ottubru 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Lulju 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 7th December 2006, in the records of the judicial letter number 9105/06, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Ivan Spiteri (ID 446573M), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Ivan Spiteri (ID 446573M) of Flat 7, Triq Giovanni Bonavia, Bini tal-Gvern, Blokk C, Luqa, on the 13th Novembru 2006, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Palace Square, Valletta, calls upon you so that within two day you pay the sum of €1,383.88 balance of debt in the Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 10th October 2006 till the date of effective payment.

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th July 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1033

Ikun jaf kulhadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla, permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Ġunju 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 476/08 GCD, fl-ismijiet Kuymizakis Taha Hussein et vs Mayfair Holdings Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Taha Hussein u Theresa konjugi Kuymizakis (ID 198499M) u 419658M) vs Mayfair Holdings Limited (C 35538) fid-9 ta' Mejju 2008, ir-rikorrenti talbu is-soċjetà konvenuta, tgħid għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1.Tiddeċiedi t-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża a tenur tal-artikoli 167 sa 170, tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

2. Tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tal-atturi, fis-somma ta' erbgħa u sittin elf u ħamsa u sebgħin ewro (€64,075) rappreżentanti l-bilanċ tas-self mgħoddi lis-soċjetà konvenuta u mhux imħallas;

3.Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' erbgħa u sittin elf u ħamsa u sebgħin ewro (€64,075).

Bl-ispejjeż u l-imgħax …omissis… kontra s-soċjetà konvenuta, illi hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Notifika: Mayfair Holdings Ltd,
Adam's Guest House,
Upper Ross Street,
St. Julian's.

jew

Mayfair Holdings Ltd
Flat 4, Block F, Manor Court,
Triq it-Turisti,
Qawra.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Ir-Rikors Ġuramentat Nru 476/2008 GCD, fl-ismijiet Kuymizakis Taha Hussein et vs Mayfair Holdings Limited, jinsab differit għas-smigħ għat-28 ta' Ottubru 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, 8 ta' Lulju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratrur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 20th June 2008, in the records of the Sworn Application number 476/08 GCD, in the names Kuymizakis Taha Hussein et vs Mayfair Holdings Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant company, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Taha Hussein and Theresa spouses Kuymizakis (ID 198499 M) and 419658M) vs Mayfair Holdings Limited (C 35538) on the 9th May 2008, the applicant asked the defendant company to state why this Honourable Court should not;

1.Decide the demand without proceeding to a hearing of the cause in terms of Articles 167 to 170 of the Code of Organisation and Civil Procedure.

2. Declare that the defendant company is a debtor of the plaintiffs in the sum of sixty four thousand and seventy five Ewro (€64,075) representing the balance of loan passed to the defendant company and not paid;

3. Condemn the defendant company to pay the sum of sixty four thousand and seventy five euro (€64,075).

With costs and interest…omissis… against the defendant company, who is from now summoned so that a reference to its evidence be made.

Notify: Mayfair Holdings Ltd,
Adam's Guest House,
Upper Ross Street,
St. Julian's.

or

Mayfair Holdings Ltd
Flat 4, Block F, Manor Court,
Triq it-Turisti,
Qawra.

List of Witnesses.

List of Documents.

The Sworn Application Number 476/2008 GCD, in the names Kuymizakis Taha Hussein et vs Mayfair Holdings Limited, has been put off for hearing to the 28th October 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 8th July 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunal

1034

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-18 ta' Ġunju 2008, fuq talba ta' Dott. Luigi A. Sansone noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil intimata TASHARUKIT-ALMUTAHEDA fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru. 614/08RCP fl-ismijiet Dr Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2008, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dott. Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, soċjetà estera ta' nazzjonalità Amerikana, b'indirizz ta' One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, Stati Uniti ta' l-Amerika vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil TASHARUKIT-ALMUTAHEDA f'Benghazi il-Libja, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-Onorabbli Qorti:

(1) tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi kwantità ta' prodotti ta' kura u ndafa tax-xagħar ...omissis...li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container CRXU 4416709 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

(2) tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

(4) tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

It is hereby notified, that by means of a decree of the 18th June 2008, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 18th June 2008, following a request by Dr Luigi A. Sansone noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent commercial company TASHARUKIT-ALMUTAHEDA in the records of the Sworn Application 614/08RCP in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs. Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application filed on the 16th June 2008, in the First Hall Civil Court in the names Dr Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, a foreign company of American nationality, at the address One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, United States of America vs Deputy Curators to represent TASHARUKIT-ALMUTAHEDA in Benghazi Libya, the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) Declare that the objects consisting in a quantity of products for hair care and cleansing ...omissis...which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container CRXU 4416709 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) to take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) order the defendant to bear all the costs connected with the ordered measures ...omissis...

With costs, against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Atturnomine Avukat Dott. Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali tas-soċjetà estera tas-soċjetà estera THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, soċjetà One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, Stati Uniti ta' l-Amerika – 84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil TASHARUKIT-ALMUTAHEDA ta' Benghazi Libja – Il-Qorti, Valletta. (Żewġ Kopji).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Imħallef Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Illum 19 ta' Ġunju, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 8 ta' Lulju 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

List of witnesses

List of documents

Plaintiff nomine Dr Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company THE PROCTER & GAMBLE COMPANY, One Procter & Gamble Plaza, Cincinnati, Ohio, United States of America-84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent TASHARUKIT-ALMUTAHEDA of Benghazi Libya – Courts of Justice, Valletta. (Two Copies).

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Today 19th June, 2008.

Registry of the Superior Courts, today 8th July 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1035

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Lulju 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3926/07, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Scerri (ID 14061M), ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Saviour Scerri (ID 14061M) ta' St Felicity, Triq tax-Xtut, San Pawl il-Baħar, fl-4 ta' Lulju 2007, Bank of Valletta p.l.c. ta' 1/5, Palace Square, Valletta, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €10,808.04 bilanċ għad-debitu fil-Loan Account tiegħek mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mill-31 ta' Mejju 2007 sad-data ta' l-effettiv pagament.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 25th July 2007, in the records of the judicial letter number 3926/07, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Saviour Scerri (ID 14061M), ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Saviour Scerri (ID 14061M) of St Felicity, Triq tax-Xtut, San Pawl il-Baħar, on the 4th July 2007, Bank of Valletta p.l.c. of 1/5, Palace Square, Valletta, calls upon you so that within two day you pay the sum of €10,808.04 balance of debt in the Loan Account with Bank of Valletta p.l.c. together with further interests from the 31st May 2007 till the date of effective payment.

Is-soċjetà mittenti tavżak illi jekk inti tonqos hija se tkun kostretta tipproċedi kontra tiegħek skond il-liġi.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Lulju 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

The interpellant company warns you that if you fail they shall be constrained to proceed against you according to law.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th July 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1036

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' Lulju 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2358/07, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmen Caruana, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Carmen Caruana (ID66455G) ta' Flat 4, Block B, Triq Kordin, Paola, fis-26 ta' April 2007, HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn int tħallas is-somma ta' €2,106.28 oltre l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, minnek dovut fuq il-kont bin-numru 047-089818-300.

Sabiex jigu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad Nutar.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni, u għalhekk hija rikjesta mill-liġi ai termini ta' l-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruħkom.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 8 ta' Lulju 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 25th July 2007 in the records of the judicial letter number 2358/07, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Carmen Caruana ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

